MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 144/2010

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti f'din il-kawza zzewgu nhar it-tnax (12) ta' Settembru, elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) u dana skont l-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'PC1';
2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi gravi u ingurji da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru ta' bejn il-kontendenti;

3. Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta’ Keith u Jurgen li llum ghandhom l-eta` ta’ erbatax-il sena u tnax-il sena rispettivament;
4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata halli wara l-process ta’ medjazzjoni hi tipprocedi permezz ta’ din il-kawza ghal separazzjoni personali minn ma’ zewgha (Dok. ‘PC2);

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija lill-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u okkorrendo ta’ Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn ma’ l-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha ta’ l-imsemmi artiklu fil-konfront ta’ l-istess konvenut;

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m’ghandha tbati l-ebda forma ta’ spejjez billi l-firda ma kinitx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-istess konvenut minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut baqa’ kontumaci f’din l-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq, ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, b’talbiet relatati b’mod dirett mal-minuri wlied il-partijiet, u cioe’ talba ghall-kura u l-kustodja tal-minuri u talba ghall-manteniment.

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-intimat baqa’ ma ntavolax ir-risposta guramentata tieghu u konsegwentement huwa meqjuz bhala kontumaci f’dawn il-proceduri.

**<u>VERZJONI RIKORRENTI</u>**

Ir-rikorrenti tghid li l-inkwiet ta’ bejnha u l-intimat fiz-zwieg kienu primarjament marbuta ma’ problemi finanzjarji u dan peress li hija ma kellhiex impjieg u ghalhekk kienet tiddependi kompletament fuq l-intimat li min-naha tieghu ma kienx jaghtiha bizzejjed flus, jew ma kien jaghtiha xejn. Minhabba dan l-attaggjament, l-attrici kienet kostretta tohrog tahdem anke sabiex ikollha flus bizzejjed sabiex tixtri l-affarijiet bazici ghall-ulied.

Ir-rikorrenti tghid li wara li hadet *course* u bdiet tahdem bhala *security officer* sabiex ittejjeb il-posizzjoni finanzjarja taghha, l-intimat minflok ma ferah, beda jissusspetta hazin fiha (ghalkemm tiddikjara li ma kellu ebda raguni) u ipprefera li tmur lura ghax-xoghol ta' qabel, u cioe' li tmur tahsel ghand in-nies.

Ir-rikorrenti tispjega li l-affarijiet li kienet tixtri ghall-ulied, kienet tixtrihom minn wara dahar l-intimat (bhal ma ghamlet ukoll b'referenza ghall-*mobile* taghha) peress li l-intimat ma kien ikun iridha tixtri xejn. Apparti minn hekk, waqt li l-ulied u r-rikorrenti kienu jkunu rieqdin, l-intimat kien imur u jiekol kollox. Barra minn hekk, l-intimat ma kien isib ebda problema biex johorgu mal-familja tieghu u sabiex jonfoq dak li jkun hemm bzonn f'dawn l-okkazjonijiet izda bl-ebda mod ma ried li martu jkollha relazzjoni tajba mal-familja taghha jew li dawn izuruhom fid-dar matrimonjali.

L-attrici tghid ukoll li l-intimat mhux l-ewwel darba li refa' jdejh fuqha ghalkemm tispecifika li tali swat kien isehh f'kamra maghluqa biex jahbi mit-tfal dak li kien qieghed jaghmel. Izda r-rikorrenti tghid li taf li uliedha kienu jisimghuha tibki u tghajjat bl-ugiegh.

Ir-rikorrenti tghid li kienet hi li dejjem hadet hsieb tal-ulied u rat il-bzonnijiet taghhom. Lanqas ghall-attivitajiet extra-kurrikulari bhall-banda jew li l-ulied kienu abbatini ma kien japprova. Anzi kien isostni maghha li l-flus ghall-uniformijiet ta' dawn l-attivitajiet kienu flus fil-hela.L-istess haga kien jinghad ghall-privatijiet tal-ulied li skond l-intimat huma "***qziez***" da parti tar-rikorrenti.Ghall-affarijiet importanti u relatati mal-ulied, l-intimat kien isib problema izda ma kienx isib l-istess problema ghad-delizzju tieghu tal-kacca u sabiex isiefer wahdu.Il-piz tal-familja, il-pagamenti relattivi mal-*life insurance* kif ukoll l-ispejjez kollha relatati mal-vettura tat-tip Toyota Corolla dejjem kienu a karigu u taħt ir-responsabbilita' anke dik finanzjarja tar-rikorrenti b'mod esklussiv.

**<u>VERZJONI INTIMAT</u>**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat huwa kontumaci f'dawn il-proceduri huwa ta x-xhieda tieghu waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2012. Huwa iddikjara li ma jridx is-separazzjoni u jiddikjara wkoll li ma jrid jaccetta ebda dokumentati tal-Qorti. Jaghti l-kunsens tieghu ghall-ezenzjoni tas-sigriet professjonali relatat max-xhieda li r-rikorrenti riedet tressaq izda ma jaghti ebda spjegazzjoni ohra jew dawl iehor fuq il-kawza odjerna.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[1]fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond[2]**u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[3]fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

---

[1] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

**[3]Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)**

In vista ta' tali gurisprudenza u minghajr ebda bzonn ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi citati aktar 'l isfel kif ukoll ghall-provi mressqa mir-rikorrenti u il-Qorti terga' tikkonferma li hija moralment konvinta li l-intimat irrenda ruhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba vjolenza u ingurji kommessi minnuu ghalhekk ma tara ebda raguni ghala l-ewwel talba tar-rikorrenti m'ghandhiex tigi milqugha;

**DWAR IT-TALBA GHAL MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit tar-rikorrenti fejn a fol 39 tal-process tiddikjara li hija qed tippretendi biss manteniment ghall-minuri. Izda mbaghad, permezz tal-affidavit ulterjuri taghha r-rikorrenti tiddikjara li m'ghandhiex impjieg u li konsegwentement ghandha bzonn il-manteniment minghand l-intimat. Sussegwentement, permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha, r-rikorrenti terga' tikkonferma li m'hijiex qed tippretendi ebda retta alimentari ghaliha innifisha. Il-Qorti tiehu tali dikjarazzjoni bhala rinunzja tat-talba tal-attrici ghall-manteniment taghha u konsegwentement il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-ULIED**

Din it-talba hija konsegwenzjali ghat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Gialadarba, il-Qorti qieghda tiddeciedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv (kif ser jigi diskuss fil-paragrafi segwenti), allura dan necessarjament ifisser li l-intimat ghandu jikkontribwixxi ghall-ghixien ta' wliedu billi jhallas manteniment ghalihom favur ir-rikorrenti ommhom. Dan qieghed jinghad in linea ta' gurisprudenza, fosthom il-kawzi fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[4]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[5]fejn saret referenza ghal:

[4]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

“***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi imnissla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn

kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, permezz tar-rikors taghha datat is-7 ta’ Marzu 2011 u li sussegwentement gie guramentat mill-istess rikorrenti, hija tiddikjara li l-intimat ghandu introjtu ta’ madwar €860 fix-xahar. Sussegwentement permezz tax-xhieda ta’ Norman Mifsud (ara a fol 116 tal-process) tiddikjara li l-intimat huwa impjegat bhala *General Hand – Gardening and plant growing duties* u ghandu introjtu ta’ €8562.32 *gross* fis-sena, apparti l-*bonuses*. Il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet tas-17 ta’ Ottubru 2011 fejn gie degretat li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta’ €400 kull xahar bhala manteniment ghaz-zewgt ulied. Tenut kont li r-rikorrenti sejra tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, u ghalhekk ir-responsabbilita’ tal-istess minuri sejra tigi fdata lilha b’mod esklussiv, dan necessarjament ifisser li l-istess rikorrenti qieghda tikkontribwixxi ghall-istess minuri mhux biss b’mod finanzjarju (*stante* li l-ammont ta’ manteniment hekk likwidat u li l-intimat huwa ordnat li jhallas zgur li mhux bizzejjed ghall-ghixien u hajja tajba ta’ zewgt ulied u ghalhekk ir-rikorrenti ser tikkontribwixxi favur l-istess minuri) izda ser tikkontribwixxi wkoll f’kull aspett iehor relatat mal-istess minuri *stante* li l-ulied ser jghixu mal-istess rikorrenti ommhom u ser ikunu taħt ir-responsabbilita’ esklussiva taghha. Il-Qorti ghalhekk qieghda tikkonferma d-digriet taghha datat is-17 ta’ Ottubru 2011.

**DWAR IT-TALBA GHALL-KURA U L-KUSTODJA FAVUR IR-RIKORRENTI**

Il-Qorti terga' tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat m'ghandu ebda interess li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, tant li lanqas biss ipprezenta risposta ghall-kawza u ovvjament lanqas ma prezenta kontro-talba ghall-istess kura u l-kustodja. Minkejja li ghalhekk, jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-Qorti tirrileva, li kwistjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri, trid necessarjament tittiehed fl-ahjar interessi tal-minuri u dan qieghed jinghad in linea tal-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[6] u **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[7]fejn gie ritenut li:

"***Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment***".

Il-Qorti imbaghad kompliet telabora l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja f'kaz li l-genituri tal-minuri ma jibqghux jghixu taħt l-istess saqaf u l-istess Qorti ddikjarat li:

"***Il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht***

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

[7] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Cit Nru 1715/2001)

***dawk il-provvediment li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal***”.

Il-Qorti tirrileva li hekk kif il-Qorti tispjega fid-dettal aktar ‘il quddiem, tiddikjara li hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li huwa fl-interessi supremi tal-minuri (u cioe’ Keith u Jurgen) li jkunu taħt il-kura u l-kustodja esklussiva tar-rikorrenti ommhom, b’access favur l-intimat missierhom.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Ir-rikorrenti permezz tal-affidavit taghha tikkontendi li formanti parti mill-komunjoni hemm il-lista mnizzla minnha u li hija formanti parti mill-istess affidavit taghha.

Dwar id-dar matrimonjali r-rikorrenti tikkontendi wkoll permezz ta’ affidavit ulterjuri li din kienet inxtrat mill-partijiet qabel iz-zwieg. Il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt pubbliku datat l-24 ta’ Marzu 1992 esebit in atti li jaghti prova ta’ dan u li juri li tali fond gie mixtri mill-partijiet ghas-somma ta’ Lm3000. Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-bini u l-ispejjez kollha li gew imhallsa ghall-istess dar saru nofs bin-nofs bejniethom. Illum il-gurnata din id-dar ghandha l-valur ta’ €210,000 u dan kif inhu evidenzjat mir-rapport tal-Perit Marvin Ellul esebit in atti.

Illi dwar il-vettura tat-tip Toyota Tercel ir-rikorrenti tikkontendi li din kienet ixtrat wara li l-vettura tat-tip Renault kienet qdiemet immens. Tghid li din kienet dejjem il-vettura mizmuma fil-pussess taghha (ghalkemm inxtrat fiz-zwieg u konsegwentement formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti) u tghid ukoll li hija taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha (u dan anke wara li l-partijiet isseparaw b’mod *de facto*). Il-Qorti tirrileva li hekk kif irrizulta mix-xhieda ta’ Brian Farrugia ghan-nom ta’ Transport Malta, jidher li r-rikorrenti ghandha din il-vettura tat-tip Toyota Tercel imsemmija u li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni ABM 915 (u dan mis-6 ta’ Lulju 2004 u konsegwentement hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti) filwaqt li l-intimat ghandu kellu mutur li gie *scrapped* u mutur iehor Yamaha T110 bin-numru ta’

registrazzjoni DBT 947 li ilu registrat fuq ismu mill-20 ta' Mejju 2011 u ghadu hekk sal-lum. Konsegwentement anke dan il-mutur huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi dwar kontijiet bankarji tal-partijiet, gew prezentati diversi dokumenti li juri l-ammonti depositati jew mahruga mill-kontijiet tal-partijiet. Jidher li z-zewg partijiet ghandhom kontijiet bankarji. Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta Plc jirrizulta li hemm zewg kontijiet f'isem il-konvenut li huma attivi filwaqt li hemm zewg kontijiet f'isem iz-zewg partijiet li huma maghluqa filwaqt li kont kongunt iehor li huwa inattiv. Dwar il-kont li huwa abbinat ma' **Dok. AG1** f'isem il-konvenut jigi rilevat li l-kont huwa l-kont bankarju li fih jircievi s-salarju tieghu l-intimat. Minn **Dok. AG6** esebit in atti jirrizulta wkoll li kien hemm *fixed deposit* li nfetah fit-3 ta' Marzu 2008 (u cioe' fiz-zwieg) filwaqt li l-intimat nhar it-3 ta' Marzu 2010 hareg l-ammont ta' €7716.54. dan necessarjament ifisser li nofs dan l-ammont imsemmi u cioe' €3858.27 huwa dovut lill-attrici. Barra minn hekk jirrizulta wkoll li nhar it-22 ta' April 2009 nfetah kont bankarju iehor mill-intimat (derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti) fl-ammont ta' €34,940.60. Nofs dan l-ammont ghalhekk jappartjeni lill-attrici. Ghalhekk sehem ir-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda flus fil-banek jammontaw ghall-ammonti segwenti:

€3858.27 (relattiv ghal nofs sehemha mill-kont imsemmi f'**Dok. AG6**)
€17,470.30 (relattiv ghal nofs sehemha mill-kont imsemmi f'**Dok. AG2**)

Dwar is-*savings plan* mal-HSBC Bank Malta Plc jirrizulta li din ghandha l-valur ta' €14,813. Gialadarba tali polza hija formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, din ghandha tinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Il-Qorti, qieghda tilqa' r-raba' talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

[1] Il-fond Waterfalls, Ghajn Kajjet, Rabat ghandu jinbiegh fis-suq miftuh bil-prezz minimu ta' €210,000 b'dan illi r-

rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. Il-Qorti qieghda tinnomina lil Dr. Noel Bartolo u l-PL Quentin Tanti bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-intimat fl-eventwalita' li ma jidhirx fuq l-att ta' trasferiment;

[2] Il-mobbli fi hdan il-fond imsemmi hawn fuq ghandhom ukoll jinbieghu fis-suq miftuh b'dan illi r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;

[3] Il-vettura tat-tip Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni ABM 915 qieghda tigi assenjata b'mod esklussiv lill-attrici;

[4] Il-mutur tat-tip Yamaha T110 bin-numru ta' registrazzjoni DBT 947 qieghed jigi assenjat b'mod esklussiv lill-konvenut;

[5] Il-konvenut qieghed jigi ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' €21,328.57 bhala s-sehem taghha mill-kontijiet bankarji fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza. F'kaz li dan ma jsirx, il-Qorti tordna li dan l-ammont ghandu jithallas min-nofs ir-rikavat tal-fond gewwa r-Rabat imsemmi aktar 'il fuq appartenenti lill-konvenut;

[6] Is-*Savings Plan* mal-HSBC Bank Malta Plc bin-numru tal-polza 101-002950 tal-valur approssimattiv ta' €14,813 ghandha tigi likwidata sa' mhux aktar tard minn xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia** deciza fit- 2 ta' Ottubru 2003[8] fejn ghamlet referenza ghal Artikolu 51 tal-Kodici Civili li jiddisponi li:-

"***Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikolu 40*** [u cioe' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment]***, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f'kollox jew f'bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu." L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin***".

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija unikament imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tapplika l-Artikolu 48 *et seq* kontra l-intimat u dan b'effett mill-1 ta' Dicembru 2009 u cioe' d-data ta' meta sehhet is-separazzjoni *de facto* bejn il-partijiet;

**<u>DECIDE</u>**

---

[8]Rik Ġur Nru 98/2002

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] Tilqa' it-tieni talba u tordna illi l-kura u kustodja tal-ulied minuri Jurgen u Keith ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn r-rikorrenti u takkorda access liberu favur l-intimat li ghandu jigi miftiehem anke mal-istess minuri *stante* l-etajiet taghhom;

[3] Tilqa' it-tielet talba limitatament ghal dak li jirrigwarda manteniment tal-ulied u tiffisa l-manteniment fir-rata ta' mitejn ewro (€200) ghal kull wild pagabbli kull xahar u dan sakemm kull wiehed mill-ulied ikun ghalaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u wara li jkun ghalaq l-eta' ta' tmintax –il sena jkun ghadu qieghed jistudja fuq bazi *full-time*. Tali manteniment ghandu jithallas mill-intimat direttament fil-kont bankarju tar-rikorrenti li ghandha mal-Bank of Valletta bin-numru 40018606045;
[4] Tilqa r-raba' talba hekk kif kontemplat ukoll taħt il-kappa intestata 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti';

[5] Tilqa' l-hames talba;

[6] Tilqa' s-sitt talba;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------